# L-istatwa tal-Lunzjata u r-Reffiegħa f'epoki differenti

Ser nagħtu ħarsa lejn epoki differenti ta' wara l-gwerra f'dak li għandu x'jaqsam mar-reffiegħa tal-Lunzjata. Fir-ritratti sejrin naraw reffiegħa li ħafna minnhom m'għadhomx magħna, però ser inġibu nostalġija kbira l-aktar mill-familjari u ħbieb ta' dawk kollha li jidhru fir-ritratti antiki.



*Dan ir-ritratt joħodna lejn il-bidu tas-snin ħamsin. Uħud mir-reffiegħa li jidhru huma Kola Borg, Ġużeppi (Żuż) Bonello u Ġulin Muscat. Bħal forċina jidher Anthony Caruana*



*Dan ir-ritratt joħodna fil-bidu tas-snin 60. L-istatwi ta' Abigail u Ester kienu għadhom jitramaw eżatt mal-portiku. Inħalli f'idejkom sabiex taraw lil min jirnexxielkom tagħrfu.*



*Dan ir-ritratt joħodna lejn l-aħħar tas-snin ħamsin. L-istatwa tal-Lunzjata tidher fi Triq il-Providenza. Jidhru mix-xellug, ir-reffiegħa Karmnu (Ta' Dora) Sciberras, Piju Ebejer, Karlu (Lakku) Zarb, Karmnu (Il-Patrakk) Chetcuti u Ġużeppi (Bamba) Muscat. Bħala forċini jidhru Ċensu Bonello u Gabriel Caruana.*



*Fi Triq il-Kbira (ħdejn is-Sala Aurora) fil-bidu tas-Sebgħinijiet. Mix-xellug Kola Borg, Ninu Camilleri, Gabriel Pullicino, Karmnu Chetcuti u Ġużeppi Ebejer. Jidhru diversi personaġġi oħra midħla tal-Każin tal-Banda San Gabriel. Innotaw, it-trofej armati fi Triq il-Kbira.*



Dan ir-ritratt joħodna lejn il-bidu tas-snin tmenin. Mix-xellug jidhru Kola Borg, Ninu Camilleri, Tommy Borg, Pawlu Chetcuti, Karmnu Chetcuti, il-Kappillan Dun Tarċis Delicata, George Grech, Ġużeppi Sammut, Karmnu Chetcuti, Spiru Vella u Gabriel Pullicino.



Insibu tradizzjoni fil-purċissjoni bl-istatwa tal-Lunzjata. Din hi li fil-bidu ta' Triq Santa Marija sal-Kappella ta' Santa Marija, l-istatwa tinġarr mir-reffiegħa pajżana. Tradizzjoni sabiħa biex apparti li r-reffiegħa jieħdu nifs mill-piż kbir, ħaddieħor ikun jista' jgawdi ftit billi jerfa' fl-istatwa tal-Lunzjata.


Il-Każin tal-Banda San Gabriel jirringrazzja lil:

- Perit Claude E. Borg
- Tony – Iklin Commercial
- James Cassar – Cavallieri Hotel
- Louie Camilleri – Masterwine
- Darren Sant



# MARACANA PASTIZZERIA

Pastizzi, Pastizzi tax-Xemgħa, Pizza, Qassatat,
Tuna Pies, Spinaċi Pies, Anċova Pies, Meat Pies, Chicken Pies,
Wudy Cheese, Wudy Chicken, Frunkfurters, Timpana u Ross.

Għaġina friska kuljum u naċċettaw ordnijiet għall-parties.

**425, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara • Tel: 21447613**